**Laqgha Numru 02/K6/2013 – Laqgha tal-lokalita'**

**Introduzzjoni**

It-Tieni Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar l-Erbgħa 30 ta' Jannar 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Knisja Kristu Rxoxt, Misrah il-Paci, Pembroke, fis-6.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghall-laqgha kien hemm prezenti 25 persuna. **(Ara Dok. A)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-14 ta' Jannar 2013. L-Agenda kienet:

**01. Rapport ta' hidma ghas-sena 2012.**

**02. Estimi Finanzjarji 2013.**

**03. Mistoqsijiet u suggerimenti.**

## 01. Rapport ta' hidma ghas-sena 2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit qara rapport ta' hidma ghas-sena 2012. **(Ara Dok. B)**

## 02. Estimi Finanzjarji 2013.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq ghad-diskusjsoni tar-residenti l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2013. **(Ara Dok. C)**

## 03. Mistoqsijiet u suggerimenti.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lil dawk prezenti biex iressqu l-kummenti u s-suggerimenti taghhom.

3.02. John Dimech – Dwar il-proposta tal-Kunsill biex id-dawl pubbliku ta' Triq il-Mediterran jitnehha u jsir faccata hdejn il-palm, b'dan ser ikun hemm aktar dawl? Fejn jinsab imwahhal hemm xi tgergir? X'servizzi tas-Sigurta' Socjali qed jipprovdi l-Kunsill?

3.03. Is-Sindku Joe Zammit – Hemm partijiet minn Triq il-Mediterran li huma mudlama minhabba li hemm residenti li m’accettawx l’issir lampa mal-faccata taghhom u l-Kunsill kien qabel li jesplora l-possibilita’ biex id-dawl isir kollu man-naha l-ohra tat-triq, b’hekk jizdied id-dawl.

3.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat – Is-Servizzi tas-Sigurta’ Socjali qed jigu offruti minn rapprezentanti tad-Dipartiment li jkunu l-Kunsill kull nhar ta’ Hamis fejn ir-residenti jistghu jinqdew minn servizzi bazici u ma jkollhomx ghalfejn imorru Tas-Sliema.

3.05. John Dimech – Liema rotta ta’ l-Arriva hemm il-hsieb li tghaddi minn Triq G. Henin?

3.06. Is-Sindku Joe Zammit – In-numru ma taghmilx differenza l-importanti li jizdied is-servizz, ghalkemm it-talba tal-Kunsill ghada ma gietx approvata minn TM.

3.07. John Dimech – Il-vot tal-gemellaggi m’intuzawx u qed jinghad l-intuza ghal skopijiet ohra. Intefaq jew le?

3.08. Is-Sindku Joe Zammit – Tul is-sena 2012 il-Kunsill ma nefaq ebda flus fuq gemellaggi ghalkemm kellu kull dritt jaghmel dan. Ghas-sena li gejja jigifieri 2013 il-Kunsill rega’ alloka fondi ghall-gemellagg u issa sta ghall-Kunsill gdid jekk dawn jintefqux jew le.

3.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat – Fil-passat kien hemm okkazjoni fejn grupp ta’ studenti ttiehdu Wales permezz tal-fondi tal-gemellagg fejn dawn ghamlu gimgha jaqsmu idejat ma studenti minn Pembroke Wales. Il-kelliema rrimarkat li din ma kienetx xi btala izda zjara edukattiva u kulturali. Saret riferenza wkoll ghall-progett ta’ l-ENVOY, progett dwar ix-xoghol tal-volontarjat fejn il-Kunsill organizza konferenza f’Malta bil-partecipazzjoni ta’ madwar 48 barrani u wara saru mawriet reciproki kif kien jitlob il-progett.

3.10. Ray Lanzon – F’hiex wasal il-progett ta’ Triq G. Henin?

3.11. Is-Sindku Joe Zammit – It-tender tal-PPP ghandu jerga’ johrog minhabba li l-fondi allokati taht l-iskema ma kienux bizzejjed biex ikopru x-xoghol konness mas-servizzi u l-bankina. Il-Kunsill hass li mhux lok li jsir wicc il-bankina biss minhabba li jistghu jinholqu diversi problemi fosthom bl-ilma tax-xita. Hemm premessa li l-Gvern prezenti kellu jinkludi wkoll il-bankini f’din l-iskema u bhalissa qed isir survey mill-MEPA iffinanzjat mill-Kunsill.

3.12. Reno Maurin – Fil-kuntratt hemm indikat li meta jinqata’ l-haxix selvagg, l-iskart li jkun hemm jingabar? Fil-picnic area hemm hafna hmieg apparti l’ilu hafna xhur ma jsir qtugh ta’ haxix.

3.13. Alicia Privitera – Wara c-cint li hemm tul Triq Normandy hemm hafna skart u l-bandli ghandhom bzonn jigu rrangata.

3.14. Is-Sindku Joe Zammit – Dwar il-gnien huwa minnu li hemm bzonn li jsir ix-xoghol u fil-fatt wara li nqata’ l-appell li kien sar minn kuntrattur li ma hax l-offerta, issa permezz tal-Urban Improvement Funds, ghandha terga’ tohrog is-sejha biex isir ix-xoghol, liema xoghol huwa previst li jitlesta sa l-ahhar ta’ Marzu 2013.

3.15. Alicia Privitera – Is-servizz moghti mill-librara huwa wiehed eccellenti u proset ta’ l-attivitajiet li taghmel. Hemm bzonn t’aktar attivitajiet ghat-tfal.

3.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat – Fix-xhur li ghaddew kont qed norganizza story telling u l-hsieb huwa li din l-inizjattiva titkompla wara li jinhatar Kunsill gdid. Dwar il-

qtugh tal-haxix sfortunatament hemm nuqqasijiet u l-Kunsill ghamel diversi qtugh lill-kuntrattur.

3.17. Is-Sindku Joe Zammit – Dwar il-knis u qtugh ta' haxix, sfortunatament hemm hafna burokrazija biex jitwaqqaf il-kuntratt.

3.18. Matthew Micallef – Qed ikun hemm hafna hmieg tal-klieb fit-toroq u hemm bzonn ta' laned fejn ikun jista' jigi depozitat dan l-iskart.

3.19. Is-Sindku Joe Zammit – Il-Gwardjani Lokali huma fuq it-traffiku. Hemm Green Wardens li kienu nghataw mill-Gvern l'izda bhalissa twaqqaf dan is-servizz. Illum il-gurnata s-servizz qed jitmexxa mir-Regjun u mhux mill-Kunsill u ghalhekk huwa prattikament umanimament impossibbli li jsir monitoring il-hin kollu, ghalkemm kien hemm kazijiet fejn inqabdu xi persuni u ttiehdu passi.

3.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat – Il-Kunsill ghandu jaghmel kampanja edukattiva minhabba li min ihobb l-annimali ma jhallix lill-annimal tieghu ihammeg barra nkluz li ma jhallix il-pet tieghu minghajr cinga, ghax dan huwa llegali.

3.21. Alfred Vidal – Triq Sir Luigi Preziosi ilha ma tinkines xhur, hemm bzonn tinfetah il-katusa li hemm taht ir-rampa tat-triq minhabba li hija mizduda kif ukoll fahhar lill-kuntrattur tal-gonna.

3.22. Reuben Debono – Is-slielem tal-bajja hemm bzonn li jkunu ta' materjal ahjar minhabba li tul ix-xhur tas-Sajf dawn jispiccaw kollha sadid apparti l-fatt li talab li jekk huwa possibbli dawn jitnehhew aktar tard milli qed isir. Il-kelliem staqsa wkoll jekk humiex ser jitpoggew l-iskips fi Triq Burma bil-possibilita' li jkun hemm xi CCTV. Il-kelliem staqsa wkoll min kien li ghamel xoghol ta' tarmak fi Triq Pietru D'Armenia ladarba l-Kunsill qal li m'ghamilx toroq bit-tarmak din is-sena.

3.23. Is-Sindku Joe Zammit – Dwar il-slielem il-kelliem infurmah li dawn huma fir-responsabilita' tas-Sezzjoni tal-Beach Cleaning fi hdan il-Ministeru ta' George Pullicino u li l-Kunsill ser iressaq is-suggeriment. Dwar l-iskips irrimarka li hemm problema li dawn qed ikunu wzata wkoll minn persuni barra mill-lokal. Dwar CCTV il-kelliem irrimarka li din hija spiza kbira u r-Regjun kien qed jikkunsidra l-possibilita' li jigu nstallata CCTV biswit kull sit. Dwar it-tarmak il-kelliem irrisponda li dan sar mill-MTA bhala parti mill-progett tal-gnien li sar fl-akwata, xoghol li sar fuq talba u insistenza tal-Kunsill.

3.24. Tony Aquilina – Irrimarka li fil-Gnien 4 ta' Lulju hemm hafna dawl vandalizzat inkluz fence li qed jigu wkoll vandalizzat. Ilmenta li qatt ma jidher kennies kif ukoll li hemm harruba fil-passagg fi Triq Sir Luigi Preziosi li ghandha bzonn tinzabar ftit iehor minhabba l'ilhom sentejn ma jistghu juzaw dan il-passagg ghax kien imblukkat b'din is-sigra.

3.25. Alfred Vidal – Il-harruba li qed issir riferenza ghaliha diga nzabret izda mhux bizzejjed.

3.26. Is-Sindku Joe Zammit – Nitlob l-intervent tal-Contracts Manager biex jinforma lill-kuntrattur.

3.27. Salvina Farrugia – Ilmentat li hemm persuni rresponsabbli li jhallu l-klieb taghhom ihamgu wara bieb hadd iehor.

3.28. Is-Sindku Joe Zammit – Informa lil dawk prezenti li jekk ikunu lesti li jitilghu jixhdu, il-Kunsill ikun lest li jaghmel rapport lill-Pulizija ghalkemm il-Kunsill ma jistax jipprocedi minhabba li huwa r-resident partikular li jkun qed ibati l-inkonvenjent.

3.29. Mary Salafia – Sena u nofs ilu kont offrejt xi sigar lill-Kunsill biex jinzerghu fil-lokal izda baqa' ma sar xejn.

3.30. Is-Sindku Joe Zammit – Ser ninforma l-kuntrattur li ghandu l-Kunsill biex jiehu hsieb.

3.31. Reno Maurin – Fil-bajja kien hemm access u wara maltempata li kien hemm inqalghet blata u issa qed tostakola l-access apparti l-fatt li minhabba f'hekk, pont li kien jitpogga tal-hadid m'ghadux isir.

3.32. Is-Sindku Joe Zammit – Il-Kunsill kien informa lis-Sezzjoni tat-Turizmu biex jara x'jista' jsir ghalkemm bhala Kunsill mhux facli biex titnehha blata simili minhabba protezzjoni mill-MEPA.

3.33. Alicia Privitera – Il-hajt ta' Triq Normandy ser jigi rrangat?

3.34. Is-Sindku Joe Zammit – Il-Kunsill talab lil TM biex jigi rrangat ix-xoghol kollu li sar, liema xoghol il-Kunsill ihoss li ma sarx skond is-sengha. Dwar il-hajt il-kelliem informa lil dawk prezenti li qabel beda x-xoghol il-Kunsill kien diga gibed l-attenzjoni ta' TM. Il-Kunsill kien ukoll baghat stima tal-kuntrattur tal-Kunsill lil TM izda s'issa ghad ma gietx milqugha.

3.35. Raphael Cauchi – Fi Triq Normandy qed ikun hemm hafna vandalizmu, jistghu isiru xi CCTV?

3.36. Is-Sindku Joe Zammit – Il-problema principali mhux biss l-installazzjoni izda li l-Pulizija tressaq il-persuni minhabba li hafna drabi qed jirrizulta li l-vandalizmu jsir minn studenti barranin lejliet li jkunu ser jitilqu minn Malta.

3.37. Tony Aquilina – Il-Kelliem ikkonferma li l-vandalizmu li jsir fil-Gnien 4 ta' Lulju qed isir minn persuni minn barra l-lokal.

3.38. Edmond Sciberras – Knis fi Triq Bice Mizzi Vassallo qatt ma jsir. Staqsa jekk huwiex possibbli li l-iskip ta' Triq Suffolk titnehha u titpogga fi Triq Jum Pembroke u dan minhabba l-fatt li din qed tintuza minn nies ohra mhux mill-akwata u r-residenti jispiccaw ma jkollhomx fejn jiddepozitaw l-iskart taghhom. Irrakkomanda wkoll li jsiru bins ghall-hmieg tal-klieb specjalment tul Triq Profs Walter Ganado.

3.39. Is-Sindku Joe Zammit – Dwar l-iskip irrimarka li bhalissa mhux zmien li din ticcaqlaq u dawn il-bins ghall-hmieg tal-klieb irrimarka li l-parti l-kbira tat-triq li saret riferenza ghaliha taghmel ma' San Giljan u ghalhekk ser issir talba lilhom.

3.40. Mark Causon – Irrimarka li skond ir-rapport tas-Sindku jidher li sar xoghol mill-Kunsill izda li ma kienx hemm bizzejjed ghajnuna mill-Gvern Centrali. Il-kelliem irrimarka wkoll li minn dak li qed jintqal jidher li hemm bzonn rivezjoni tal-kuntratti li ghandu l-Kunsill inkluz dak tal-Contracts Manager. Dwar il-problema tal-hmieg tal-klieb il-kelliem irrimarka li huwa kien lest li jiehu passi ghan-nom tar-residenti, jekk kemm il-darba jkun elett fil-Kunsill.

3.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli – Irrimarka li l-Ministru George Pullicino dejjem ghen lill-Kunsill bil-koperazzjoni tas-sur Charles Cesare.

3.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat – Irrimarkat li kull Ministru li l-Kunsill talab l-ghajnuna tieghu dejjem ghen lill-Kunsill. Il-kelliema rrimarkat li mhux dak kollu li qal fid-diskors tieghu is-Sindku huwa bibbja nkluz li mhux sewwa li jinghad kontra Ministri li m'humiex prezenti. Il-kelliema rreferiet ghall-progett ENVOY fejn irrimarkat li kull ghajnuna mitluba minghand Ministri giet milqugha. Dwar il-kuntratti l-kelliema rrimarkat li m'huwiex l-iskop tal-Kunsill li jaghti penali izda li l-kuntratturi jaghmlu xoghlhom u eventwalment jithallsu.

3.43. Raphael Carabott – Irrimarka dwar il-kumment li l-Contracts Manager jista' jaghti l-kaz li mhux qed jaghmel xoghol tajjeb. Il-kelliem irrimarka li huwa bhala Contracts Manager tal-Kunsill xoghlu huwa li jirrapporta lill-Kunsill u wara sta ghall-Kunsill x'decizjoni jiehu. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill ta' Pembroke ghandu kuntratti esigenti u elaboruzi nkluz li fihom penali gholjin u ghalhekk sta ghall-Kunsill li jinforza tali.

3.44. Is-Sindku Joe Zammit – Il-Kunsill ghazel l-irhas offerta u spicca bil-kuntrattur li ghandu.

3.45. Fi tmiem il-laqgha s-Sindku Joe Zammit talab lill-kandidati prospettivi biex jintroducu ruhhom mal-pubbliku prezenti. Il-kandidati prezenti kienu – il-Vici Sindku Mazzitelli Alfred (Kandidat Indipendenti), il-Kunsillier Brincat Joe, Causon Mark, Galea Moira, Lanzon Ray, Pace Noel (Partit Laburista), Cesare Charles u l-Kunsilliera Vella Brincat Evelyn (Partit Nazzjonalista).

3.46. Il-laqgha ntemmet fit-8.30pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***